DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/810

tat-23 ta' Mejju 2022

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/339 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex tappoġġa l-Forzi Armati Ukreni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 41(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-28 ta' Frar 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/339 ([1]), li stabbiliet miżura ta' assistenza b'ammont ta' referenza finanzjarja ta' EUR 50 000 000 maħsuba biex tkopri l-finanzjament tal-forniment ta' tagħmir u provvisti mhux imfassla biex iwasslu forza letali, bħal tagħmir ta' protezzjoni personali, kaxex għall-ewwel għajnuna u fjuwil, lill-Forzi Armati Ukreni.

(2) Fit-23 ta' Marzu 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/472 ([2]) li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/339, li żiedet l-ammont ta' referenza finanzjarja għal EUR 100 000 000.

(3) Fit-13 ta' April 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/637 ([3]) li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/339, li żiedet aktar l-ammont ta' referenza finanzjarja għal EUR 150 000 000.

(4) Fid-dawl tal-aggressjoni armata li għaddejja mill-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna, jenħtieġ li l-ammont ta' referenza finanzjarja jiżdied b'EUR 10 000 000 addizzjonali maħsub biex ikopri l-finanzjament tal-forniment ta' tagħmir u provvisti mhux imfassla biex iwasslu forza letali, bħal tagħmir ta' protezzjoni personali, kaxex għall-ewwel għajnuna u fjuwil, lill-Forzi Armati Ukreni.

(5) Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/339 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/339 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-Miżura ta' Assistenza għandu jkun ta' EUR 160 000 000.";

(2) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. F'konformità mal-Artikolu 29(5) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, l-amministratur għall-miżuri ta' assistenza jista' jagħmel sejħa għal kontribuzzjonijiet wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, sa EUR 160 000 000. Il-fondi li għalihom għamel sejħa l-amministratur għall-miżuri ta' assistenza għandhom jintużaw biss biex titħallas in-nefqa fil-limiti approvati mill-Kumitat stabbilit bid-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 fil-bażit emendatorju tal-2022 u fil-bażits għas-snin sussegwenti li jikkorrispondu għall-Miżura ta' Assistenza.";

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/339 tat-28 ta' Frar 2022 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-provvista lill-Forzi Armati Ukreni ta' tagħmir u pjattaformi militari, imfassla biex iwasslu forza letali (ĠU L 61, 28.2.2022, p. 1).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/472 tat-23 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/339 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-provvista lill-Forzi Armati Ukreni ta' tagħmir u pjattaformi militari, imfassla biex iwasslu forza letali (ĠU L 96, 24.3.2022, p. 45).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/637 tat-13 ta' April 2022 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/339 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex tappoġġa l-Forzi Armati Ukreni (ĠU L 117, 19.4.2022, p. 36).

(3) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. In-nefqa relatata mal-implimentazzjoni tal-Miżura ta' Assistenza għandha tkun eliġibbli mill-1 ta' Jannar 2022 u sa data li għandha tiġi ddeterminata mill-Kunsill. In-nefqa massima eliġibbli mġarrba qabel il-11 ta' Marzu 2022 għandha tkun ta' EUR 50 000 000.";

(4) fl-Artikolu 4(4), il-punt (k) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(k) il-Ministeru għad-Difiża, l-Uffiċċju Federali għall-Affarijiet Barranin u l-Ministeru Federali għall-Intern u l-Komunità tal-Ġermanja;".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Mejju 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
M. BEK